MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 743/1999/1

**St George's Bay Hotel Limited**

**vs**

**Monde Destination Co. Ltd.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tmient elef u wiehed u sebghin lira u tlieta u hamsin centwzmi (Lm8,071.53) liema somma tirraprezenta ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-alloggjar ta' turisti fil-lukanda Hotel Villa

Rosa matul is-sajf ta’ qabel il-presentata tac-citazzjoni u sevizzi ohra relatati, liema turisti gew akkomodati fl-imsemmija lukanda fuq rikjesta tal-istess socjeta’ konvenuta u dan skond rendikont mahrug fid-9 ta’ Frar 1999 li gie anness u markat Dokument “A”;

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata, anke b’ittra ufficcjali datata 19 ta’ Jannar, 1999, is-socjeta’ konvenuta xorta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

tikkundanna is-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ tmient elef u wiehed u sebghin liri u tlieta u hamsin centezmi (Lm 8,071.53), liema somma tirraprezenta ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-alloggjar ta’ turisti fil-lukanda Hotel Villa Rosa matul is-sajf ta’ qabel il-presentata tac-citazzjoni u servizzi ohra relatati u liema turisti gew akkomodati fl-imsemmija lukanda fuq rikjesta tal-istess socjeta’ konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Jannar, 1999 (Dok B) u bl-imghax kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi (indikati fir-rendikont anness Dok A) sal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-servizz ipprovdut mis-socjeta’ attrici ma kienx tal-kwalita’ pattwit bejn il-partijiet u dana ghad-detriment tal-istess socjeta’ konvenuta. Inoltre is-socjeta konvenuta pprevalit ruhha mit-talbiet attrici sabiex ippresentat talba rikonvenzjonali;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mic-citazzjoni tas-socjeta' attrici sabiex tippresenta l-prezenti kontro-talba;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet lahqet ftehim mas-socjeta' attrici sabiex tibghat xi klijenti frustieri taghha tramite tour operator, fil-hotel tas-socjeta' attrici, izda s-servizz ipprovdut mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita u tal-livell pattwitt bejn il-partijiet, u li b'rizultat ta' dan in-nuqqas da parte tas-socjeta' attrici, l-klijenti tas-socjeta' konvenuta qeghdin jirrifjutaw illi jhallsu l-ammont akkordati;

Illi l-imsemmija turisti/klijenti lmentaw minn diversi nuqqasijiet da parte tas-socjeta' attrici fosthom nuqqas ta' igjene, nuqqasijiet da parte tal-impjegati tas-socjeta' attrici u storbju tul il-hin tal-mistrieh u ghalhekk it-tour operator qieghed jirrifjuta li jhallas lis-socjeta' konvenuta;

Illi b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet da parte tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta sofriet danni u ghadha qieghed ssofri Danni;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta tablet li s-socjeta attrici tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

(1) tiddikjara lis-socjeta'attrici unikament responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofriet is-socjeta' konvenuta u li qiegheda ssofri minnhabba l-agir tas-socjeta' attrici;

(2) tillikwida dawn id-danni sofferti u li qiegheda ssofri s-socjeta' konvenuta okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi,

(3) tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta, in linea ta' danni, s-somma hekk likwidata u

dan kollu skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ konsulti ammontanti ghal Lm10 kontra s-socjeta’ attrici, li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tas-socjeta’ attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet rikonvenjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-servizzi prestati mis-socjeta’ attrici kienu dawk miftehma bejn il-partijiet u kwalunkwe ilmenti li seta’ kien hemm mill-klientela tas-socjeta’ konvenuta originaw minhabba l-agir tal-istess socjeta’ konvenuta.u illi di piu s-socjeta’ konvenuta ilha zmien tilmenta dwar il-kwalita tas-servizz moghti lill-klienti taghha izda kull darba li giet mitluba tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha hija naqset li taghmel dan;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta’ attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma komplessiva ta’ tmient elef u wiehed u sebghin liri u tlieta u hamsin centezmi (Lm8071.53), liema somma tirraprezenta ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-alloggjar ta’ turisti fil-lukanda Hotel Villa Rosa matul is-sajf ta’ qabel il-presentata tac-citazzjoni u servizzi ohra relatati u liema turisti gew akkomodati fl-imsemmija lukanda fuq rikjesta tal-istess socjeta’ konvenuta;

Is-socjeta konvenuta eccepit li s-servizz ipprovdut mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita u dana ghad-detriment tal-istess socjeta' konvenuta, li, in effett, pprevalit ruhha mit-talbiet attrici sabiex ippresentat talba rikonvenzjonali;

Fil-kontro-talba taghha s-socjeta' konvenuta ppremettiet li s-servizzi in kwestjoni  pprovduti mis-socjeta' attrici ma kienux tal-kwalita u tal-livell pattwitt u minhabba f'hekk il-klijenti taghha qed jirrifjutaw illi jhallsu l-ammonti akkordati. Is-socjeta' konvenuta tkompli tippremetti li l-imsemmija klijenti lmentaw minn diversi nuqqasijiet da parte tas-socjeta' attrici fosthom nuqqas ta' igjene, nuqqasijiet da parte tal-impjegati tas-socjeta' attrici u storbju tul il-hin tal-mistrieh u ghalhekk it-tour operator qieghed jirrifjuta li jhallas lis-socjeta' konvenuta. Bhala konsegwenza ta' dan kollu s-socjeta konvenuta sofriet danni u ghadha qed issofri danni. Ghalhekk is-socjeta konvenuta qed titlob li s-socjeta'attrici tigi dikjarata unikament responsabbli ghal-imsemmija danni konsegwenzjali li sofriet u qed issofri s-socjeta' konvenuta. Qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta attrici tigi kundannata thallas lis-socjeta' konvenuta d-danni hekk likwidati;

Ghal dawn it-talbiet rikonvenzjonali s-socjeta attrici eccepit li s-servizzi prestati mis-socjeta' attrici kienu dawk miftehma bejn il-partijiet u kwalunkwe ilmenti li seta' kien hemm mill-klientela tas-socjeta' konvenuta originaw minhabba l-agir tal-istess socjeta' konvenuta.u illi di piu s-socjeta' konvenuta ilha zmien tilmenta dwar il-kwalita tas-servizz moghti lill-klienti taghha izda kull darba li giet mitluba tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha hija naqset li taghmel dan;

Jigi rilevat, f'dan l-istadju, li s-soceta' konvenuta naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li hi eccepit u ppremettiet fl-eccezzjonijijiet taghha u fit-talbiet rikonvenzjonali taghha. Ghalhekk kemm l-eccezzjonijiet kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali ma jistghu qatt jigu akkolti;

Minn naha l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tmient elef u wiehed u sebghin liri u tlieta u hamsin centezmi (Lm 8,071.53), liema somma tirraprezenta ammont dovut mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-alloggjar ta' turisti fil-lukanda Hotel Villa Rosa matul is-sajf ta' qabel il-presentata tac-citazzjoni u servizzi ohra relatati u liema turisti gew akkomodati fl-imsemmija lukanda fuq rikjesta tal-istess socjeta' konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali u mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------